**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru: 194/2018 MLF**

**Atlas Insurace PCC Ltd, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Bondin sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Julian Bonnici**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta attrici fejn talbet li - prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-2 ta' Lulju 2017, gewwa l-Mosta, bejn il-vettura bin-numru AAM026 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru JK (assigurata mar-rikorrenti Atlas Insurance PCC Ltd) propjeta ta' Joseph Bondin u misjuqa minn Jean Karl Bondin, u dana minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut – il-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbatax-il elf u mitt euro (€14,100), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti d-danni li ghalihom ghamlet tajjeb abbazi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip fully comprehensive u skond il-ligi, rigward l-imsemmi incident. Is-socjeta attrici talbet ukoll li flimkien ma' din is-somma il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ispejjez legali kollha, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Frar 2018

(nru. 455/2018) ipprezentata inter alia kontra l-konvenut u l-ispejjez tal-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-assiguratur tal-vettura bin-numru AAM026, kif ukoll l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

2. Rat li ghalkemm kien debitament notifikat, il-konvenut ma prezentax risposta.

3. Semghet ix-xhieda u rat d-dokumenti ipprezentati u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

**Il-Fatti**

4. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fit-2 ta' Lulju 2017, kien hemm incident awtomobilistiku bejn vettura tal-ghamla BMW 120D Coupe bin-numru ta' registrazzjoni "JK" (CBQ 537) li kienet misjuqa minn Jean Carl Bondin u vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAM 026, li kienet misjuqa mill-konvenut.

(ii) Fid-data tal-incident, il-vettura BMW kienet proprjeta ta' Joseph Bondin, u assigurata mas-socjeta attrici taht polza tat-tip *fully comprehensive.*

(iii) Is-surveyors inkarigati mis-socjeta attrici spezzjonaw il-vettura BMW u ikkonkludew li din kienet *beyond economical repair*, konsegwenza tal-hsarat li garbet f'dan l-incident. Is-surveyors stabbilew ukoll illi il-*pre-accident market value* tal-istess vettura kien ta' €16,500.

(iv) Konsegwentement, is-socjeta attrici hallset lill-assigurat taghha Joseph Bondin din is-somma ta' €16,500, kif kienet obligata li taghmel taht il-polza tal-assigurazzjoni, pero zammet ir-*wreck* tal-vettura, u s-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha taht l-istess polza u skond il-ligi. Sussegwentement, is-socjeta attrici bieghet ir-*wreck* ta' din il-vettura lil terza persuna bil-prezz ta' €2,400. B'hekk id-danni inkorsi mis-socjeta attrici huma ta' €14,100 (€16,500 - €2,400).

(v) Peress li skond is-socjeta attrici l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident, hija istitwiet dawn il-proceduri kontra tieghu, sabiex tigi rizarcita d-danni li sofriet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Mix-xhieda prodotti kif ukoll mill-iskizz tal-Pulizija jirrizulta li l-incident gara billi waqt li Jean Carl Bondin kien qieghed isuq fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta, il-konvenut Julian Bonnici hareg minn go side-road li kellha stop sign, u dahal fil-vettura BMW li kienet qed tinstaq minn Bondin. L-impatt imbotta l-vettura BMW li baqghet diehla fil-bollards li hemm fuq il-bankina fuq in-naha l-ohra tat-Triq il-Kungress.

6. Fix-xhieda tieghu il-konvenut jghid li hu li kien ilu li hareg minn fuq l-istop sign, meta ra l-vettura BMW, u l-bumper tal-vettura tieghu laqtet il-bieba ta' wara tal-vettura BMW, u l-BMW baqghet diehla gol-bankina.

7. Pero din ix-xhieda tal-konvenut hija kontradetta mhux biss mix-xhieda ta' Bondin, izda wkoll mill-iskizz tal-incident li sar mill-Pulizija.[1] Likieku l-konvenut kien diga hareg minn fuq l-istop sign, meta giet il-BMW fuqu, kieku l-impatt kien ikun fuq il-parti ta' quddiem, jew fuq il-bieba ta' quddiem tal-BMW u mhux fuq il-bieba ta' wara tal-BMW. Ghaldaqstant, jirrizulta car, li l-konvenut qabad u hareg minn fuq l-istop sign ghal fuq triq principali, minghajr ma' zamm a proper look out biex jara jekk kienx hemm fil-vicinanzi vetturi qed isuqu fit-triq principali.

8. Konsegwentement, il-konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident, u ghandu jigi ikkundannat ihallas id-danni kollha subiti lill-vettura BMW.

9. Mill-atti jirrizulta li s-socjeta attrici, bhala s-socjeta assiguratrici, hallset lil Joseph Bondin, sid il-vettura BMW ghad-danni kollha subiti, u cioe is-somma ta' €16,500 u giet surrogata fid-drittijiet tieghu. Pero is-socjeta attrici bieghet ir-wreck ta' din il-vettura ghas-somma ta' €2,400, u ghaldaqstant id-danni effettivament sofferti minnha jammontaw ghal €14,100 (€16,500 - €2,400).

[1] Ara fol. 106 tal-process.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-2 ta' Lulju 2018 gewwa l-Mosta bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAM026 misjuqa minnu u l-vettura bin-numru JK [CBQ537] proprjeta ta' Joseph Bondin u misjuqa minn Jean Karl Bondin.

    2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbatax-il elf u mitt Euro (€14,100), flimkien mal-imghax legali mill-14 ta' Frar 2018 – data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 455/2018 - sad-data tal-hlas effettiv.

11. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 455/2018 u tal-ittra ufficjali numru 2710/2018, ipprezentata kontestwalment mal-avviz promotur kontra l-assiguratur tal-vettura bin-numru AAM026, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**